**330. L-Onor Franco Debono MP jipproponi**:

Peress illi Transport Malta ħarget tenders sabiex jiġu operati 34 car park f'Malta għal perjodu ta' għaxar snin f'liema sejħa ma' kien hemm ebda indikazzjoni dwar it-tariffi 1i se jkunu imposti u li kellhom ikunu stabbiliti mill-operatur innifsu, liema proċess intlaqa minn għadab kbir mill-popolazzjoni Maltija in ġenerali b'mod illi 1-gvern kien kostrett u ma kellux triq oħra ħlief li jissospendi dan il-proċess wara 1i 1-oppożizzjoni ippreżentat mozzjoni numru 327 sabiex il-proċess jitwaqqaf u jien immedjatament iddikjarajt li kont se nappoġġja dik il-mozzjoni fl-aħjar interess nazzjonali, skont il-kuxjenza u skont il-ġurament tal-ħatra tiegħi u 1i jieħu kull deputat f'din il-Kamra;

Peress illi kulħadd jirrikonoxxi illi dan il-proċess sar b'mod sbaljat, mgħaġġel u mingħajr il-konsultazzjoni adegwata u fih ittieħdu deċiżjonijiet ħżiena u possibilment dan sar mill-istess nies 1i huma ħatja tal-fjask tar-riforma tat-trasport pubbliku, inkluż il-Ministru Agostino Pio (Austin) Gatt li għandu r-responsabbilta' politika tal-istess dekasteru;

Peress illi ebda individwu m'huwa akbar mill-partit, jew mill-Parlament, u peress illi 1-prinċipji demokratiċi inkluż dak tal-kontabilita ministerjali huwa s-sinsla tat-twemmin politiku tal-Partit Nazzjonalista u ta' kull partit ieħor bi kredenzjali demokratiċi, u peress illi 1-lealta lejn il-partit li f'ismu jiġi elett deputat qed jiġi użat u abbużat minn uħud, bħala mod kif ministri jgħaddu bħal romblu minn fuq kulħadd, inkluż dan il-parlament, konxji li jistgħu jabbużaw minn lealta għamja u irrażżjonali minn backbenchers illi jibzgħu isemmgħu leħinhom minħabba magna ta' terrur operata minn nies qrib il-Prim Ministru, u peress illi dan kollu qed jagħti impressjoni perikoluża illi hawn nies f'dan il-pajjiż li huma '1 fuq mil-Liġi;

Peress illi ħadd mhu akbar mil-kariga li jokkupa, u peress illi s-sistema politika f'Malta 2012 iddeġenerat f'waħda aktar tixbah Oligarkija, bi tnaqqir kostanti ta' prinċipji demokratiċi matul is-snin, u bi Prim Ministru li kjarament huwa ostaġġ ta', jew kompliċi ma' klikka ristretta ħafna ta' persuni li qatt ma jwieġbu għal għemilhom anke meta dan ikun sbaljat b'mod grossolan, evidenti għal kulħadd u ta' dannu kbir għal pajjiż u 1-poplu Malti, filwaqt li addirittura jippretendu li ħaddiehor iħallas għan-nuqqasijiet tagħhom;

Peress illi 1-Prim Ministru dan 1-aħħar qiegħed ripetutament jiddikjara kważi f'kull okkażjoni, li kull deputat għandu jiffaċċja 1-konsegwenzi ta' għemilu iżda dan il- prinċipju l-Prim Ministru japplikah b'mod diskriminatorju ferm, peress illi naqas milli japplikah fil-konfront tal-Ministru Austin Gatt mill-anqas darbtejn f'din il-leġislatura, il-każ tal-BWSC, fejn pajjiżna se jkollu jitwikka b'estensjoni tal-power station taħdem bil-heavy fuel oil, fuel altament inkwinanti, kif ukoll fi1-każ tar-riforrna tat-trasport pubbliku li ġab pajjiż u poplu sħiħ għarkubbtejh għal xhur sħaħ minħabba mismanagement totali mill-Ministru Austin Gatt u nies ta' Transport Malta fid-dekasteru tiegħu;

Peress illi dan il-pajjiż mhux propjeta privata ta' xi ministru u 1-klikka ta' madwaru iżda tal-Maltin u 1-Għawdxin kollha u li din il-mozzjoni tikkonċerna l-issue tal-carparks kif esposta fil-Mozzjoni numru 327 iżda tikkonċerna wkoll it-tħaddim tad-demokrazija f'dan il-pajjiż.

Minkejja illi li personali l-Prim Ministru bħala Kap tal-Partit għaddieni minn sagrifiċċju

sempliċiment għax sabiex nimxi skont il-kuxjenza mal-ġurament tal-ħatra jiena ma stajtx nimxi skont il-whip meta dan il-Parlament iddiskuta 1-mozzjoni ta' sfiduċja fil-konfront ta' Austin Gatt dwar ir-riforma tat-trasport publiku, kif ukoll meta għadda vot ta' sfiduċja fil-konfront tal-Ministru Carm Mifsud Bonniċi minħabba d-diżastru fil-qrati, fil-pulizija, fil-ħabs kif ukoll fil-qasam tal-immigrazzjoni liema istituzzjoni kienu qed jkunu protagonsisti ta' inċidenti negattivi inkluż mwiet u traffikar ta' drogi fil-ħabs, mwiet ta' suspettati waqt l-arrest, ksur ta' drittijiet fundamentali, nuqqas ta' drittijet inkluż dritt t'assoċjazzjoni lil membri tal-Korp tal-Pulizija, nuqqas kbir ta' sigurta fil-Qrati, fejn saħansitra persuna ġiet mixlija li wettqet tentattiv t'omiċidju volontarju ġo awla tal-qorti, kif ukoll kritika ħarxa għas-sitwazzjoni mwiegħra fil-qasam tal-immigrazzjoni, minn organizzazjonijiet internazzjonali u lokali kif ukoll minn persuni li jaħdmu fil-qasam u l-immigranti nfushom u peress illi dan kollu ma kienx politikament aċċettabli;

Peress illi soddisfatt illi s-sagrificcju li għaddejt minnu u l-inġustizzji qarsa li tħallast bihom wara 1-vot ta' sfiduċja fil-Ministru Carm Mifsud Bonniċi, kienu kru jali sabiex għallinqas ġew sblukkati numru ta' riformi estensivi li kienu ilhom jiġu blukkati għal snin mill-istess Ministru, u illi kienet r-riżenja tiegħu illi fetħet beraħ il-bibien sabiex sitwazzjoni li ddeġenerat tibda tiġi rimedjata, u illi dan qatt ma seta jseħħ, u għaldaqstant dan huwa rilevantissimu għal din il-mozzjoni, u illi 1-istess pożizzjonijiet li ħadt kienu kummerċjali u strumentali sabiex ġew rimedjati 1-isbalji goffi ħafna 1i saru fir-riforma tat-Trasport pubbliku li swiet miljuni lil dan il-pajjiż.

Peress illi jiena u kull deputat elett mill-poplu mhuwiex delegat tal-partit li f'ismu ġie elett, iżda rappreżentant tal-poplu elett f'isem partit politiku, liema distinzjoni qed tkun ofuskata minħabba 1-fatt li l-partiti politiċi u l-finanzjament tagħhom f'Malta illum 2012, għadhom mhux regolati mil-liġi, minkejja li l-GRECO ilu snin jiġri wara Malta u minkejja li jien stess preżentajt Abbozz illi ilu xhur fuq l-ixkaffa, kif ukoll minħabba kultura u sistema politika perikoluża li żviluppat tul l-aħħar snin, u peress illi l-lealta' lejn il-Partit mhijiex xi mezz sinistri kif ministri jistrieħu fuq din il-Lealta' biex jabbużaw minnha u jgħaddu bħal romblu minn fuq kulħadd inkluż il-Parlament u l-Poplu u peress illi kull deputat għandu d-dover illi jaqdi l-funzjonijiet tiegħu skont il-kuxjenza, u l-ġurament ta' lealta lejn il-Kostituzzjoni u r-Repubblika ta' Malta;

Peress illi 1-kultura ta' riżenji ministerjali hija kompletamenti ineżistenti f'Malta 2012, u peress illi l-Prim Ministru minflok ma applika u inforza 1-prinċipju fundamentali tal-kontabilita politika ikkundanna lil min talabha, u peress illi dan qed ikompli jsaħħah il-perċezzjoni illi d-demokrazija hija serjament mhedda b'dan 1-atteġjament, u peress illi għalekk huwa aktar urġenti u impellenti illi dan il-Parlament sovran jeżerċita s-supremazija tiegħu fl-eżerċizzju leġittimu tal-iskrutinju politiku tal-eżekuttiv;

Peress illi l-Ministru Agostino Pio (Austin) Gatt ma irriżenjax mil-kariga lanqas meta l-vot ta' sfiduċja fil-konfront tiegħi m'għaddiex sempliċiment grazzi għal-casting vote tal-Ispeaker u peress illi jidher ċar illi l-Prim Ministru li huwa sod maż-żgħir huwa dgħajjef fil-konfront tal-Ministru Agostino Pio (Austin) Gatt u ma japplikax fil-konfront tiegħu il-prinċipju li kulħadd għandu jiffaċċja 1-konsegwenzi ta' għemilu;

Peress illi l-iskrutinju tal-eżekuttiv mill-Parlament huwa element ewlieni tas-separazzjoni tal-poteri u tas-Saltna tad-Dritt (Rule of Law), fis-sens illi mhux talli ħadd mhu akbar minn partit, iżda ħadd mhu akbar minn dan il-Parlament, mill- Poplu u ħadd

mhu '1 fuq mil-Liġi u kulħadd, inkluż Ministri tal-kabinett għandu jwieġeb għall-azzjonijiet tiegħu;

Illi f'kull każ il-lealta lejn partit li f'ismu deputat ikun ġie elett hija aspett wieħed biss mis-sistema politika ta' dan il-pajjiż u għandha tiġi inkwadrata u mifhuma fil-kuntest ta' prinċipji u regoli ħafna ogħla u iktar fundamentali bħas-separazzjoni tal-poteri, il-kontabilita', il-ministerial responsibility, is-saltna tad-dritt, is-supremazija ta' dan il-parlament fil-kuntest ta' kostituzzjoni aktar suprema.

Peress illi f'kaz ta' mismanagement, deċiżjonijiet ħżiena u speċjalment gross mismanagement, bħal f'dan il-każ, mhux talli l-persuna politikament responsabbli ma teżonerax ruħha mir-responsabbilta' politika billi tissospendi, tirrimedja jew tittanta tirrimedja sitwazzjoni iżda tali tentattivi mhux biss huma konferma tal-mismanagment innifsu, talli 1-istess persuna li amministrat ħazin m'għandiex tkun hi stess li tirrimedja s-sitwazzjoni li hi stess precipitat bid-deċiżjonijiet ħżiena jew traskuraġni tagħha, speċjalment meta dik 1-istess persuna tkun diġa kienet involuta fil-mismanagement tal-BWSC, tal-Arriva u issa f'dak tal-Car Parks u oħrajn, u għaldaqstant l-uniku rimedju stabilit u aċċettat fid-demokraziji parlamentari Ewropej huwa dak tar-riżenja;

Peress illi dan il-pajjiż m'għandux ikun imċaħħad mis-servizzi ta' persuni validi, f'kull livell ta' management, minħabba li persuni arroganti, jimblukkaw ċerti karigi, billi ma' jerfgħux il-konsegwenzi ta' għemilhom u ma' jirriżenjawx u b'hekk inoltre ikunu qed jusurpaw karigi, illi f'każ ta riżenja, jistgħu u għandhom jiġu sussegwentement okkupati minn persuni aktar idonei, u peress illi dan huwa bi ksur totali tal-prinċipji tat-trattament ugwali, il-ġustizzja u 1-meritokrazija;

Illi filwaqt li l-politika minn natura tagħha tinneċessita element ta' strateġija pero mill-banda 1-oħra hija politikament inaċċetabbli t-tattika perikoluża li qisha infiltrat is-sistema politika fejn riformi u miżuri riparatorji u meljoramenti kif ukoll rimedji għal sitwazzjonijiet inkwetanti u ħrug ta' tenders ta' portata kbira jitħallew għal aħħar xhur jekk mhux ġimgħat qabe1 l-elezzjoni minħabba esiġenzi elettorali b'mod illi persuni milquta ikunu għaddew minn snin ta' tbatija minħabba 1- kapriċċi elettorali, jew jintużaw bħala lixka għal voti u dan meta pajjiżi oħra għandhom liġijiet ċari li jipprojbixxu dan l-atteġjament fil-perjodu qabel 1-elezzjonijiet sabiex 1-elezzjonijiet ikunu verament ħielsa u bla mittiefsa, u nieħu opportunita nħeġġeġ il-promulgazzjoni ta' Liġijiet simili f'pajjieżna;

Peress illi dan il-Parlament huwa suprem u għandu mhux biss id-dritt, iżda 1-obbligu li jiskrutinja 1-operat tal-ministri maħtura mil-Prim Ministru inkluż 1i jgħaddi vot ta' sfiduċja il-konfront ta' ministru jew tal-gvern, u peress illi kull ministru għandu 1-obbligu jagħti rendikont ta' għemilu quddiem dan il-Parlament u għandu jifaċċja l-konsegwenzi ta' għemilu inkluż ta' imġieba u mismanagement li jkun politikament inaċċettabli u li ġġib magħha responsabbilta politika;

Peress illi wara 1-kontroversji kbar tal-Arriva u tal-BWSC u issa din tal-Car Parks jidher illi jeżisti periklu reali u fondat illi l-Ministru Austin Gatt jekk se jibqa jokkupa l-istess kariga, jista, minn ġurnata għall-oħra ikun involut f'każijiet oħra ta' mismanagement:

Peress illi d-duttrina tal-individual ministerial responsibility, li tagħmel parti mill-Kostituzzjoni tagħna hija intiża u maħsuba sabiex ministru jġorr u jiffaċċja r-responsabbilta ta' għemilu, u ma jkomplix jimbarazza 1-kumplament tal-gvern;

Peress illi l-Ministru Agostino Pio (Austin) Gatt għandu jerfa 1-konsegwenzi ta' għemilu partikolarment ta' dak li huwa politikament responsabbli għalih u il-każ partikolari, il-proċess ħażin u sbaljat tal-ħrug ta' tenders minn Trasport Malta biex jiġu operati 34 car park f'Malta għal perjodu ta' għaxar snin, liema proċess ġie issa sospiż mill-gvern, b'mod li juri li anke l-istess gvern jirrikonoxxi li seta kien hemm nuqqassijiet:

Għaldaqstant tenut kont tad-duttrina tal-individual ministerial responsibility, kif ukoll tenut kont tad-dikjarazzjoni ripetuta tal-Prim Ministru illi kulħadd għandu jiffaċċja 1-konsegwenzi ta' għemilu, għaldaqstant din il-Kamra għanda tirrisolvi illi minħabba dawn ir-raġunijiet prinċipalment fosthom illi l-Ministru huwa responsabbli għal proċess sbaljat fil-management tal-issue tal-Car Parks u raġunijiet oħrajn li se jirriżultaw dettaljament fl-istadju tad-dibattiment ta' din il- mozzjoni l-Ministru Agostino Pio (Austin) Gatt għandu jkun ikkundannat u ċċensurat minn din il-Kamra u l-istess l-Ministru għandu jerfa 1-konsegwenzi naturali ta' vot ta' sfiduċja minn din l-istess Kamra.

04.10.12